*14 ta' Mejju, 2011*

50/2011

## ĊELEBRAZZJONI GĦALL-FAMILJI MALTIN FL-OKKAŻJONI TA' JUM IL-FAMILJA

F'konferenza ta' l-aħbarijiet li saret illum tħabbru d-dettalji tal-attivita' ta' ġurnata għall-familji Maltin kollha, li ser tittella' għada fil-kumpless u l-grounds tal-Malta Fairs & Conventions Centre (MFCC), Ta' Qali. Din l-attivita' qed tiġi organizzata fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali ddedikat lill-Familja li jiġi ċċelebrat għada l-Ħadd, 15 ta' Mejju. Il-konferenza ta' l-aħbarijiet ġiet indirizzata minn Fr. Charles Cordina, Segretarju Pastorali, s-Sinjura Mariosa Micallef, membru tal-kumitat organizattiv u P. George Buttigieg.

L-attivita' ta' għada ngħatat l-isem 'Pass hi+hu' b'referenza għall-logħba tradizzjonali tal-Passju. Dan biex jirrifletti li s-sbuħija tal-esperjenza taż-żwieġ u l-familja tibda mill-pass li jagħmlu raġel u mara lejn xulxin u l-pass li jkomplu jagħmlu flimkien bħala miżżewġin fil-familja.

Matul il-jum ta għada ser jiġu organizzati diversi attivitajiet għall-familja kollha: koppji, tfal, żgħażagħ u anzjani. Il-ġurnata ser tibda fid-9.00 ta' filgħodu b'**Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P.** Din ser tkun animata mis-seminaristi u studenti reliġjużi peress li dakinhar huwa wkoll Jum il-Vokazzjonijiet.

Wara l-Quddiesa bejn l-10.00 u 15.30 ser jittella' **programm varjat** madwar it-tinda l-kbira tal-MFCC li jinkludi logħob ghat-tfal, spettaklu u wirjiet minn diversi gruppi lokali, servizz ta' konsulenza u ta' appoġġ għall-familja minn diversi entitajiet li jaħdmu fi ħdan il-Knisja, servizz tal-għoti tad-demm permezz tal-Blood Donation Unit, promozzjoni tal-kampanja ambjentali '34U', u bejgħ ta' ikel u xorb biex il-familji jkunu jistgħu jibqgħu f'dan l-ambjent matul il-ġurnata kollha.

Il-programm fl-istand tat-**tfal** jinkludi workshops, il-magician u animazzjoni mill-grupp ta' Once Upon a Time.

Fl-istand taż-**żgħażagħ** ser ikun hemm diskussjonijiet fost oħrajn dwar Paceville, iċ-chatting, l-għerusija, ikun hemm ukoll preparazzjonijiet ta' mocktails u ħelu, red carpet photocopy, kant, mużika u żfin.

Fl-istand tal-**miżżewġin** ser ikun hemm programm li jinkludi diskussjonijiet marbuta mal-ħajja tal-koppja miżżewġa u kif jistgħu isaħħu r-relazzjoni ta' bejniethom, quiz, logħob għall-familja, esperjenzi, kant u żfin.

Il-programm fl-istand tal-**anzjani** jinkludi diversi esperjenzi, għana u artiġjanat.

**Fil-kappella tas-Sagrament** ser ikun hemm adorazzjonijiet mħejjija minn diversi gruppi ta' reliġjużi u wkoll opportunità ta' qrar.

Fl-12.00 jerġa jkun hemm Quddiesa.

Il-Blood Donation Unit ser tkun preżenti wkoll mit-8.30 sas-13.30.

Wara nofsinhar, l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ser jiltaqa' mal-familji u fl-3.45 p.m. jibda **il-programm prinċipali** b'mużika 'live', bis-sehem tal-Joy Gosepl Singers, il-band Salt, il-Kor Shalom, il-Greenfields u l-kor imexxi minn Fr Karm Debattista, kif ukoll il-presentazzjoni ta' **kanzunetta ġdida għall-Familja** minn kantanti magħrufa oħra. Ser ikun hemm wkoll qsim ta' esperjenzi minn familji u **intervista ma' l-Arċisqof**. Il-festa tagħlaq bil-konsagrazzjoni tal-familji lill-Madonna.

Fr. George Buttigieg li kiteb il-versi tal-kanzunetta l-ġdida bil-mużika ta' Andrew Zammit, spjega l-ħsieb warajha u qal li l-kantanti jinkludu lil Andrew Cauchi, Victor Gauci, The Greenfields, Jenvil, Claudette Pace, Leontine, Debbie Scerri, Eleanor fost oħrajn.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Familja li titfakkar f'diversi pajjiżi madwar id-dinja għandha l-għan li tqajjem kuxjenza u għarfien dwar is-sbuħija taż-żwieġ u l-importanza tal-familja.